John Scerri

# Dun Ġorġ Preca – L-ewwel qaddis Malti

Fl-imħabba li għandu Alla għal gżiritna, bagħat lil Dun Ġorġ Preca b'messaġġ li kien għal żmienu u għadu jgħodd għal żmienna: "Ħobbu t-tagħlim ta' l-Evanġelju kif tfissru l-Knisja. Il-fidi tagħkom ma jkollhiex għeruq b'saħħithom jekk ma tkunx mibnija fuq it-tagħlim". Fit-3 ta' Ġunju, il-Papa Benedittu XVI se jikkanonizzah f'Ruma u se jkun meqjum fil-Knisja Universali bħal San Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti. Hija xorti kbira għal Malta u għas-Soċjetà tal-MUSEUM li din is-sena qed tiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tagħha.

Il-Beatu Dun Ġorġ Preca twieled fit-12 ta' Frar 1880, fil-Belt Valletta, imma trabba l-Ħamrun. Meta kien żagħżugħ seminarista, marad u ħadd ma kien jemmen li għad ifiq u jsir saċerdot. Il-Professur Enrico Meli qal lil missieru, is-Sur Vinċenz Preca: "Ċens, tixtrilu xejn, la kalċi u lanqas pjaneta, għax imutlek żgur." Imma Alla kellu ħsieb ieħor għal dan iż-żagħżugħ. Ftit qabel l-ordinazzjoni, ħa saħħtu mill-ġdid u fit-22 ta' Diċembru kien ordnat saċerdot mill-Arċisqof Pietru Pawl Pace, fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

Minn qabel ma qaddes huwa kien jiltaqa' ma' xi żgħażagħ fil-għalqa ta' quddiem il-knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun. Ħsieb Dun Ġorġ kien li jiġborhom u jgħallimhom. Tgħidx kemm ħa paċenzja bihom! Dun Ġorġ saħħarhom. Kien hawn injoranza kbira dak iż-żmien f'dak li hu tagħlim reliġjuż. Hu kien jgħallimhom il-veritajiet tal-Fidi Nisranija. Krew l-ewwel dar fin-numru 6, Triq Fra Diegu u dan kien il-bidu tal-MUSEUM. Il-ġurnata kienet is-7 ta' Marzu 1907, sewwasew mitt sena ilu.

Dun Ġorġ kellu l-ħsieb li jifforma għaqda ta' ġuvintur u xebbiet "li jkunu kapaċi jgħallmu lill-oħrajn" (2 Timotju 2,2). Lis-soċi tal-bidu rawwimhom fit-tagħlim sod tal-Knisja u fl-Iskrittura, ħaġa tassew ġdida għal dak iż-żmien, meta l-biċċa l-kbira tan-nies ma kinitx taf tikteb u taqra. Taħom il-Bibbja f'idejhom biex jaqrawha u jistudjawha. Dun Ġorġ kien tassew qassis profetiku Malti fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Dun Ġorġ ma riedx tagħlim biss, imma li jifforma membri li jagħtu xhieda b'ħajjithom u jkunu ta' eżempju tajjeb. Ir-regola li kitbilhom hi mibnija fuq l-imitazzjoni ta' Kristu Kurċifiss. Ġesù kien fil-qalba ta' ħajtu. Dun Ġorġ qatt ma fittex unuri jew xi ġid materjali. Kien iħobb is-satra u jfittex dejjem il-glorja t'Alla.



Kellu qima kbira lejn il-misteru tal-Inkarnazzjoni. Għalhekk fis-sena 1921, fil-Ħamrun, organizza l-ewwel purċissjoni bil-Bambin f'Lejlet il-Milied. Dun Ġorġ kien wisq devot tal-Madonna. Huwa kiteb talb mill-isbaħ lill-Verġni Marija. Kellu devozzjoni lejn il-Midalja Mirakoluża u ried li l-kappella tad-Dar Ġenerali tal-MUSEUM, il-Blata l-Bajda, tkun iddedikata lilha. Darba kellu nkwiet serju u kien imħasseb ħafna x'se jaqbad jagħmel. Jirrakkonta li hu u tiela' t-taraġ tad-dar tiegħu ħares lejn inkwadru żgħir tal-Madonna tal-Bon Kunsill li hu kien xtara mingħand regettier minn Ħal Tarxien. Sama' leħen ġej mill-kwadru jgħidlu "*Serva silentium*" jiġifieri "Żomm is-skiet". Dun Ġorġ obda u sab il-paċi. Dwar id-devozzjoni lejn ir-Ružarju, Dun Ġorġ kien jgħid: "Sa nofs il-lejl, il-Madonna tkun tistenniena biex ngħidu r-Ružarju".

Dun Ġorġ miet fis-7.45 ta' filgħaxija, filwaqt li fil-parroċċi kollha madwar Malta ħafna nies kienu jitolbu għalih. Il-ġurnata kienet il-Ħamis, 26 ta' Lulju 1962.

Fiż-żjara li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta, f'Mejju 2001, huwa għamel lil Dun Ġorġ Preca Beatu u l-Papa Benedittu XVI se jiddikjarah qaddis f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 2007. Fid-diskors tiegħu li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel nhar id-9 ta' Mejju 2001 lill-membri tal-MUSEUM miġbura fil-Blata l-Bajda qalilhom: "Il-Fundatur tagħkom kellu devozzjoni speċjali għall-kelmiet *Verbum Dei caro factum est ...* Hawn fil-fatt jinsab il-pedament tal-vokazzjoni tagħkom u l-appostolat tagħkom". Is-soċjetà tal-MUSEUM hija monument ħaj ta' dan il-kbir benefattur tal-poplu Malti u l-providenza t'Alla riedet li jaħbtu flimkien il-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ u l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-MUSEUM f'Malta. Il-Beatu Dun Ġorġ Preca kien *"il-bniedem tal-paradoss*. Tawh ftit xhur ħajja ... u għex ħajja twila saċerdotali ta' ħamsa u ħamsin sena. Ried ismu jintesa ... imma ismu wasal sa truf l-art. Fid-dinja kien mimli bil-ħwejjeġ tas-sema u qatt ma fittex dawk ta' l-art ... imma mill-Mulej issa narawh jittallab għalina mis-Sema l-grazzji li neħtieġu".


**Welcome Store**

**(Quddiem il-Knisja Parrokkjali)**

*Prop. Elaine Micallef*

Għas-servizz tiegħek,
issib il-bżonnijiet li jkollok

**FREE DELIVERY**
Main Street, Tarxien
Tel: 2167 7900



E&H
MEAT PRODUCTS LTD.

**IMPORTERS, EXPORTERS & PROCESSORS**

*Director: Martin Mizzi*

Bulebel Industrial Estate,
Cospicua Road, Żejtun ZTN08
Tel: 2167 6161, 2167 7772
Fax: 2169 3306
Mob: 9949 2363
e-mail: emprod@fastet.net.mt